

Sommarju tar-Rapport Annwali 2009

L-EFSA tidħol għad-deċennju l-ġdid lesta biex tagħti s-sehem tagħha fis-sistema tal-UE dwar is-sigurtà fl-ikel. L-Awtorità kibret matul is-snin u dan ippermettietliha li tkun tista' ssaħħaħ l-appoġġ tagħha għall-manigiers tar-riskju fil-Kummissjoni Ewropea, fil-Parlament Ewropew u fl-Istati Membri. Fl-2009, l-EFSA bdiet implimentar l-Pjan Strateġiku tagħha 2009-2013, li jiggwida u jħejji l-Awtorità għall-isfidi tal-ġejjieni.

L-EFSA kompliet tipprovdi parir xjentifiku komprensiv u b'saħħtu mfassal fuq il-ħila minn madwar l-Ewropa kollha. Fl-2009, l-EFSA ġeddedt il-Kumitat Xjentifiku tagħha u l-membri tal-Panil; ħafna reġgħu nħatru, u dan jenfasizza l-abilità tal-Awtorità li tattira u żżomm xjenzati ta' kwalità. L-Awtorità kompliet tagħmel użu mill-ħila tal-Istati Membri permezz tal-Punti Fokali nazzjonali u d-database ta' esperti tagħha. L-EFSA investiet ukoll EUR 6,8 miljuni fuq għotjiet u kuntratti ma' organizzazzjonijiet iddedikati mill-Istati Membri biex jappoġġjawha fix-xogħol tagħha. Barra dan, l-EFSA kienet kapaċi tipprovdi parir aktar komprensiv u li jilħaq udjenza usa' lill-manigiers tar-riskju dwar kwistjonijiet bħal, pereżempju, ir-reżistenza kontra l-mikrobi, billi taħdem flimkien ma' aġenziji msieħba oħrajn tal-UE.

Fl-2009, il-kontribuzzjonijiet xjentifiċi żdiedu għal 636. Minn dawn, l-evalwazzjonijiet ta' prodotti, sustanzi u klejms ammontaw għal 68 % tal-kontribuzzjonijiet. Pereżempju, fl-2009, l-EFSA tat l-ewwel serje ta' opinjonijiet tagħha dwar il-klejms tas-saħħa ta' "funzjoni ġenerali" u adottat kważi 1 000 klejm. Fl-2009, l-EFSA saħħet ukoll il-proċessi interni u, flimkien mal-Kummissjoni Ewropea, stabbilixxiet pjan direzzjonali biex tippjana aħjar il-volumi ta' xogħol u ż-żmien li fih irid isir ix-xogħol.

L-aċċess għal dejta ta' kwalità għolja jkompli jsaħħaħ l-ħila tal-EFSA li twieġeb għal talbiet regolari u urġenti għal parir. Fl-2009, l-EFSA kompliet issaħħaħ il-ġbir tad-dejta tagħha mal-Istati Membri, pereżempju, permezz ta': database komprensiva dwar il-konsum tal-ikel; għodda ġodda tad-dejta biex jindirizzaw riskji emerġenti; l-ewwel Rapport Annwali tagħha dwar ir-Residwi tal-Pestiċidi fl-ikel; u r-Rapport Sommarju Annwali tagħha dwar iż-Żoonożi u t-Tifqigħat li Jinġarru mill-ikel.

L-adozzjoni tal-istrateġija internazzjonali tal-EFSA fl-2009 kienet pass importanti lejn li tkun rikonoxxuta globalment bħala l-korp Ewropew ta' referenza għal valutazzjoni tar-riskju



fir-rigward tal-katina tal-ikel. Fl-2009, l-EFSA saħħet is-sħubiji eżistenti mal-organizzazzjonijiet internazzjonali (WHO, FAO) u ffirmat il-Memorandum ta' Kooperazzjoni dwar il-ġbir ta' dejta u l-iskambju ta' dejta mal-Kummissjoni għas-Sigurtà fl-ikel tal-Ġappun, u għamlet pass eqreb lejn il-kollaborazzjoni mal-Awstralja, il-Kanada u New Zealand.

L-EFSA tibqa' impenjata lejn it-tisħiħ tal-fiduċja tal-pubbliku fis-sistema tas-sigurtà fl-ikel tal-UE permezz ta' komunikazzjoni u djalogu mal-imsieħba u l-partijiet interessati. Pereżempju fl-2009, l-EFSA ġeddedt il-pjattaforma tagħha tal-partijiet interessati, organizzat laqgħat tekniċi mal-partijiet interessati biex tiddiskuti u tispjega r-rwol tal-EFSA fl-evalwazzjoni tal-GMOs, il-klejms tas-saħħa eċċ., u ħadmet flimkien ma' aġenziji oħrajn tal-UE fuq oqsma ta' interess komuni. Eżempju notevoli tal-impenn tal-EFSA lejn id-djalogu huwa l-konferenza ta' jumejn dwar il-valutazzjoni tar-riskju tal-GMO għas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali, u l-ambjent. Laqgħat ta' studji (*colloquia*) xjentifiċi u web area ddedikata għall-*Ġurnal tal-EFSA* komplew ferrxu l-influenza xjentifika tal-EFSA. Dawn l-isforzi qegħdin jiġu rikonoxxuti: l-imsieħba u l-partijiet interessati jirrikonoxxu l-indipendenza tal-EFSA u l-kontribut tagħha għas-sistema ta' sigurtà fl-ikel tal-UE, skont ir-riċerka tagħha dwar l-udjenza fil-mira, li saret fl-2009.

Eżerċizzji ta' simulazzjoni ta' kriżi fl-2009 ittestjaw b'suċċess il-proċeduri interni tal-EFSA u l-kollaborazzjoni tagħha mal-manigiers tar-riskji. L-EFSA poġġiet it-teorija fil-prattika billi wieġbet għal talbiet urġenti għal parir mingħand il-Kummissjoni Ewropea dwar in-nikotina fil-faqqiegħ u l-linka tal-istampar fiċ-ċereali tal-kolazzjon.

B'mod ġenerali, l-2009 kienet sena li fiha l-EFSA kompliet issaħħaħ il-kollaborazzjoni u d-djalogu mal-imsieħba u l-partijiet interessati waqt li wieġbet ukoll għan-numru dejjem jikber ta' talbiet għal parir xjentifiku indipendenti.



Jannar

- L-EFSA u l-ECDC jippubblikaw Rapport Sommarju Annwali tal-Komunità dwar iż-Żoonożi
- Il-Bord ta' Ġestjoni jadotta strateġija internazzjonali

Frar

- Opinjoni fuq żewġ ingredjenti li jintużaw b'mod komuni f'xi xarbiet enerġetiċi
- L-EFSA tirrakkomanda livelli massimi tal-vitamina A fl-għalf għall-annimali li jipproduċu l-ikel

Marzu

- L-EFSA tevalwa r-riskju tal-MRSA fl-ikel u fl-annimali
- Opinjoni dwar ir-riskji potenzjali li jirriżultaw min-nanoteknoloġiji fuq l-ikel u s-sigurtà fl-ikel
- Il-Bord ta' Ġestjoni japprova t-tiġdid tal-Kumitat Xjentifiku u l-Panils
- L-EFSA toħroġ dikjarazzjoni dwar 4-methylbenzophenone f'xi ċereali tal-kolazzjoni

April

- L-ewwel erba' opinjonijiet dwar it-taħwir bl-affumikazzjoni
- L-EFSA tlesti 30 valutazzjoni tar-riskju fuq sustanzi mhux mixtieqa fl-għalf għall-annimali

Mejju

- L-EFSA tivvaluta r-riskji għas-saħħa relatati man-nikotina fil-faqieġh selvaġġ
- Festa dell'Europa ċelebrata f'Parma

Ġunju

- L-EFSA tevalwa l-ġeni markaturi tar-reżistenti għall-antibijotiċi fil-pjanti GM
- Il-Kumitat Xjentifiku jippromwovi alternattivi għall-ittestjar fuq l-annimali
- L-EFSA tevalwa r-riskju għas-saħħa tal-pjanti li ġej mill-baħrija tas-siġar tal-ballut (oak processionary moth)
- Laqgħa tal-Kapijiet tal-Aġenziji tal-UE fi Brussell

Lulju

- Parir fuq il-benesseri tal-baqar għall-ħalib
- L-ewwel Rapport Annwali dwar ir-Residwi tal-Pestiċidi fl-ikel
- L-EFSA tniedi proġett biex ibassar l-effett tat-tibdil fil-klima fuq aflatoxin B1 fiċ-ċereali
- L-ewwel valutazzjoni mifruxa mal-UE kollha tas-sorsi tal-vitami u l-minerali użati fis-supplimenti tal-ikel



Awwissu

- Konsultazzjoni pubblika dwar il-Valuri ta' Referenza għad-Dieta fir-rigward tal-karboidrati, il-fibri tad-dieta u x-xaħam
- Linji gwida dwar is-sustanzi "attivi" u "intelliġenti" fil-materjali ta' kuntatt mal-ikel
- Parir dwar il-bijotossiċi tal-baħar

Settembru

- Konferenza ta' jumejn tal-EFSA li tiddibatti l-valutazzjoni tar-riskji tal-GMO
- L-EFSA tmexxi 'l quddiem ix-xogħol fuq l-effetti kumulattivi tal-pestiċidi
- Gwida dwar il-valutazzjoni tas-sigurtà tal-botaniċi

Ottubru

- L-ewwel serje ta' opinjonijiet dwar il-klejms għas-saħħa ta' "funzjoni ġenerali"
- Il-Bord ta' Ġestjoni jaħtar Pjattaforma ġdida tal-Partijiet Interessati
- Valutazzjoni tar-riskji dwar l-arseniku fl-ikel
- Il-Kummissarju Ewropew għas-Saħħa, Androulla Vassiliou, iżżur l-EFSA

Novembru

- L-EFSA taġġorna l-parir dwar is-sigurtà fuq sitt kuluri tal-ikel
- L-EFSA, l-EMA, u l-ECDC jipubblikaw opinjoni konġunta dwar l-infezzjonijiet trasmessi lill-bniedem mill-annimali u l-ikel (żoonożi)
- L-ewwel stħarriġ mifrux mal-UE kollha dwar l-MRSA fil-ħnieżer

Diċembru


- Gwida dwar il-ġbir ta' dejta nazzjonali dwar il-konsum tal-ikel
- It-13-il Laqgħa ta' Studju Xjentifiku "What's new on Novel Foods" (X'hemm ġdid fuq Ikel Ġdid)
- L-EFSA u l-Ġappun jiffirmaw Memorandum ta' Kooperazzjoni
- L-ewwel reviżjoni esterna tal-kwalità tal-attivitajiet tal-EFSA

Ċifri ewlenin 2009

Kontribuzzjonijiet xjentifiċi	636
Konsultazzjonijiet pubbliċi	66
Kuntratti u għotjiet	96
Żjarat fil-website	2,4 miljuni
Abbonati fil-gazzetta elettronika	25 690
Kopertura mill-midja	9 038
Persunal tal-EFSA f'Diċembru 2009	407
Laqgħat plenarji	99
Laqgħat tal-gruppi ta' ħidma	729


FINANZI TAL-EFSA 2009

Baġit skont l-Attività



- Attività 1:** Għoti ta' pariri u opinjonijiet xjentifiċi
- Attività 2:** Metodoloġiji għall-valutazzjoni tar-riskji
- Attività 3:** Komunikazzjoni u djalogu
- Attività 4:** Ġestjoni u amministrazzjoni

Eżekuzzjoni tal-Baġit



Impenjata biex tiżgura li l-ikel tal-Ewropa jkun ħieles mill-periklu